

31999R2587

9.12.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 315/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EURATOM) Nru 2587/1999
tat-2 ta' Diċembru 1999**

**li jiddefinixxi l-proġetti ta' l-investment li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skond
l-Artikolu 41 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fit-Trattat, il-Kummissjoni trid tiġi nnotifikata dwar l-investimenti tal-proġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-istallazzjonijiet ġodda u s-sostituzzjonijiet jew il-konverżjonijiet involuti fl-attivitajiet industrijali elenkati fl-Anness II tat-Trattat meta dawn il-proġetti jkunu kbar biżżejjed u aktarx li jkun sa jkollhom influwenza diretta fuq il-produzzjoni jew il-produttività waqt li tiġi rrispettata s-sigurtà nukleari.
- (2) Hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tippubblika minn żmien għal żmien, b'konformità ma' l-Artikolu 40 tat-Trattat, programmi illustrattivi u biex tiffaċilita l-iżvilupp koordinat ta' dawn l-investimenti u biex ixxandar il-fehma tagħha dwarhom.
- (3) L-investimenti li jsiru fiċ-ċiklu sħiħ tal-fuels, inkluż l-immaniġġar ta' l-iskart u l-irtirar mis-servizz huma bażikament meħteġa għall-operat korrett u responsabbli ta' l-industrija nukleari.
- (4) Il-valuri normattivi fir-Regolament Nru 4 ⁽¹⁾ għandhom jiġu aġġornati u sstiwiti b'valuri normattivi ġodda.
- (5) Ir-Regolament Nru 4 għandu jitħassar u jinbidel b'dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Il-persuni jew l-imprezi involuti fl-attivitajiet industrijali elenkati fl-Anness II tat-Trattat għandhom jikkomunikaw

(¹) Ir-Regolament Nru 4 li jiddefinixxi l-proġetti ta' l-investment li għandhom ikunu komunikati lill-Kummissjoni b'mod konformi ma' l-Artikolu 41 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (ĠU 17, tas-6.10.1958, p. 417/58).

lill-Kummissjoni, fil-limitu taż-żmien stipulat fl-Artikolu tat-Trattat, il-proġetti ta' l-investment tagħhom li jkollhom il-għan ta':

- (a) il-ħolqien tal-kapaċità produttiva;
- (b) il-konservazzjoni tal-kapaċità kwantittativa u kwalitattiva tal-produzzjoni;
- (c) iż-żieda diretta fil-kapaċità tal-produzzjoni;
- (d) iż-żieda diretta fil-produttività;
- (e) it-titjib fil-kwalità tal-produzzjoni;
- (f) il-ħolqien tal-faċilitajiet għall-immaniġġar tal-fuels maħruqa jew l-iskart radjoattiv, inkluż it-trattament, il-ħażna għal ċertu żmien jew għal dejjem u/jew it-twarrib tagħhom;

meta, fl-attivitajiet industrijali elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella ta' l-Anness, l-ispiża teċċedi l-ammont korrispondenti fil-kolonna II fl-Anness għall-istallazzjonijiet ġodda u dik fil-kolonna III tat-tabella fl-Anness tas-sostituzzjonijiet u l-konverżjonijiet.

2. Il-proġetti ta' l-investment li jkunu maħsuba biex jiddikkommissjonaw l-istallazzjonijiet għandhom jiġu nnotifikati, meta l-ispiża teċċedi l-ammont korrispondenti fil-kolonna III tat-tabella ta' l-Anness permezz ta' dikjarazzjoni li tista' tkun limitata għall-karatteristiċi essenzjali; il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43 tat-Trattat m'hemmx b'żonn tiġi applikata.

3. Il-proġetti ta' l-investment maħsuba biex jiddikkommissjonaw l-istallazzjonijiet, fejn l-ispejjeż ikunu anqas mill-valuri normattivi fil-kolonna III tat-tabella ta' l-Anness, jistgħu jiġu nnotifikati fuq bażi volontarja; il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43 tat-Trattat m'hemmx għalfejn tiġi applikata.

4. Il-proġetti għal stallazzjonijiet ġodda fil-każ ta' reatturi nukleari ta' kull tip u għal kwalunkwe skop u l-proġetti dwar it-tibdil, it-trasformazzjoni, l-immodernizzar jew iż-żieda fil-qawwa ta' stallazzjonijiet simili, fejn l-ispejjeż ikunu anqas mill-valuri normattivi fit-tabella ta' l-Anness, jistgħu jiġu nnotifikati fuq bażi volontarja permezz ta' sempliċi dikjarazzjoni li tagħti biss il-karatteristiċi essenzjali tagħhom; il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43 tat-Trattat m'hemmx għalfejn tiġi applikata.

L-Artikolu 2

Għall-finijiet tal-kalkolu ta' l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 1 l-ispejjeż kollha li jkunu ġejjin direttament mit-tweqqif tal-proġetti ta' l-investment għandhom jitqiesu, irrispettivament miż-żmien meta dawn l-ispejjeż ikunu saru.

L-Artikolu 3

Il-komunikazzjoni dwar il-proġetti skond l-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi u tkun limitata għad-dettalji meħtieġa għad-diskussjoni kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 43 tat-Trattat u b'mod partikolari l-informazzjoni kollha relatata ma':

- (a) it-tip ta' prodotti jew l-attività u l-kapaċità tal-produzzjoni jew tal-ħażna;
- (b) l-ammont totali ta' l-ispejjeż li għandhom jitħallsu direttament mill-proġett li jkun hemm ħsieb li jsir;

- (ċ) it-tul ta' żmien li x'aktarx ikun meħtieġ għat-tweqqif tal-proġett;
- (d) il-prospetti dwar il-provvisti għal u l-operat ta' l-istallazzjoni.

L-Artikolu 4

Ir-Regolament Nru 4 tal-Kunsill tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika tal-15 ta' Settembru 1958 għandu jitħassar.

L-Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jgħodd tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-2 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

E. TUOMIOJA

L-ANNEX

TABELLA

(miljuni ta' EUR)

I Is-setturi	II L-istallazzjonijiet ġodda	III Il-bidliet u l-konverżjonijiet
1. It-tħaffir fil-minjieri ta' l-uranju u t-torjum	40	20
2. Il-konċentrazzjoni ta' dawn il-minerali	40	20
3. L-ipproċessar kimiku u r-raffinar ta' l-uranju u l-konċentri t-torjum	40	20
4. Il-preparazzjoni ta' fluwidi nukleari, fi kwalunkwe forma	20	10
5. Il-fabbrikazzjoni ta' l-elementi ta' <i>fuels</i> nukleari	20	10
6. Il-produzzjoni tal-hexafluoride ta' l-uranju	20	10
7. Il-produzzjoni ta' l-uranju arrikkit	140	70
8. L-ipproċessar ta' <i>fuels</i> irradijati għal raġunijiet ta' separazzjoni ta' wħud mill-elementi jew l-elementi kollha li fihom	140	70
9. Il-produzzjoni ta' moderaturi tar-reatturi	40	20
10. Il-produzzjoni taż-żirkonjum mingħajr hafnjam jew il-komponenti tagħhom	20	10
11. Ir-reatturi nukleari ta' kull tip u għal kull skop	100	40
12. Il-faċilitajiet ta' l-ipproċessar industrijali ta' l-iskart radjoattiv, stabbiliti b'mod konġunt ma' waħda jew aktar mill-faċilitajiet speċifikati f'din il-lista	50	20
13. L-istallazzjonijiet semi-industrijali maħsuba biex iħejju t-triq għall-kostruzzjoni ta' impjanti involuti fi kull waħda mill-attivitatijiet fis-setturi minn 3 sa 10	20	10

Noti dwar it-tabella

Il-preparazzjoni ta' *fuels* nukleari, fi kwalunkwe forma (settur Nru 4), tinkludi l-ipproċessar kimiku u l-konverżjoni ta' materjali tas-sors jew ta' materjali fissili.

Il-proċessi ta' defluorinazzjoni ta' tnixxija/skart wara l-arrikkiment jaqgħu mas-setturi Nri 4, 6, 8 u 12.

Il-faċilitajiet għat-trattament, il-ħażna jew ir-rimi ta' skart radjoattiv jew ta' *fuels*